# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.1

**Kap 5: Il-ħbieb tagħna!**

**Lezzjoni 5.1: Min huma ħbiebna?**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jaqsmu ma' xulxin l-esperjenzi tagħhom dwar il-ħbieb.
2. Jindikaw il-ħbieb differenti li jista' jkollhom.
3. Jagħmlu distinzjoni dwar ħbieb kulħadd u l-'inner circle'.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni**



- Karta ta' taħriġ 5.1
- Song: *The more we get together*

  http://www.youtube.com/watch?v=lldmkrJXQ-E
- Karta ta' taħriġ addizzjonali.

**Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Spjega lil kulħadd li għandu bżonn il-ħbieb, u li tista' tħossok mdejjaq u waħdek jekk ma jkollokx ma' min tilgħab jew titkellem.
- Staqsi: X'taħseb li għandek bżonn ikollok sabiex ikun hemm ħbiberija tajba?



**Nisimgħu flimkien (actual lesson)**

1. Fakkar fis-sentenza famuża: 'Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu.' Ġw.15:13.
2. Enfasizza li: Sabiex ikollok ħbieb tajba hemm bżonn li int stess tkun ħabib tajjeb. Il-ħbieb tajba jisimgħu lil xulxin. Mela isma' xi jridu jgħidu sħabek u agħti kashom. Ħbieb vera ma jweġġgħux lil xulxin bil-kliem. Mela aħseb qabel ma titkellem għax tista' tweġġa' l-'feelings' ta' ħaddieħor. Il-ħbieb jirrispettaw lil xulxin u għalhekk jafdaw lil xulxin. Mela kun onest fi kliemek. Tajjeb li tgħin lil ħbiebek meta għandhom bżonn l-għajnuna, iżda toqgħodx iżżomm nota ta' min għamel l-aktar favuri.
3. Uża jekk trid il-Karta Addizzjonali mogħtija biex tikkonsolida l-punt tal-ħbiberija.



4. Għallem li ħbieb ta' vera jibqgħu miegħek kemm fil-mumenti tajbin kif ukoll fil-mumenti ħżiena.

5. Stieden lill-istudenti jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 5.1.

6. Spjega s-silta mogħtija u wara fuq bażi ta' klassi flimkien aħdmu Attività A.

7. Aqsam fi gruppi u stiedinhom jiddiskutu u jimlew Attività B. Wara ssir qsim ta' ideat fil-grupp il-kbir.

8. Aqra Attività C u ddiskuti l-mistoqsijiet mogħtija.

9. Spiċċa billi tfakkar li ħadd m'għandu jkun possessiv u jagħlaq lil ħbieb għalih biss.

10. Spiċċa bis-song: The more we get together: http://www.youtube.com/watch?v=lldmkrJXQ-E

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**



1. Mal-ħbieb trid tisma' u titkellem.
2. Trid tirrispetta d-differenzi tal-oħrajn.
3. Nkunu leali lejn ħbiebna u nieħdu ħsieb xulxin.

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**

Aħna nagħżlu lill-ħbieb tagħna u nkunu lesti li nisimgħu meta huma jkunu fil-bżonn, li naċċettaw u nirrispettaw id-differenzi ta' xulxin.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Youtube :'The more we get together.'

http://www.youtube.com/watch?v=lldmkrJXQ-E



**Nitolbu**

O Mulej, nitolbok sabiex tgħinni nkun ħabib ta' vera, ħabib li jisma'.

